MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 380/2006

Il-Pulizija
(Spt. M. Bonnici)

Vs

Grazio Gauci
Omissis

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn l-Erbgha 12 ta' Lulju, 2006 u l-Hamis 13 ta' Lulju, 2006,
1. ikkometta ir-reat ta' ragion fattasi ai termini tal-artikolu 85 tal-ligijiet ta' Malta billi waqqa l-armar ta' zewg gallariji propjeta' tal-kwerelanti, Robert Micallef, Domenic Borg u John Bonavia ghan-nom tas-socjeta' kummercjali JRD

Property Developments Ltd, gewwa Triq il-Qastan, Bahrija;
2. fl-istess data, hin u lok, ikkaguna hsara fil-propjeta' tal-kwerelanti ghal valur li jeccedi s-somma ta' hamsin lira pero' anqas minn hames mitt lira;
3. fil-lejl bejn il- Hadd 16 ta' Lulju 2006 u t-Tnejn 17 ta' Lulju 2006 fl-istess lok ostakola l-propjeta' tal-kwerelanti permezz tal-vettura ABB 365 tal-ghamla Renault li hija tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 85 u l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) multa, filwaqt li lliberat lill-appellant mit-tieni w it-tielet imputazzjonijiet peress li ma rrizultawx fil-konfront tal-appellant fin-nuqqas tal-prova effettiva li xi hadd mill-imputati ppartecipa fizikament fl-operazzjoni llegali, w illiberat lill-ko-akkuzat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess sentenza in kwantu l-appellant gie liberat minn kull imputazzjoni w htija fir-rigward tat-tieni w it-tielet akkuzi, w tirrevoka l-istess sentenza appellata inkwantu l-appellant instab hati tal-ewwel akkuza w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija fir-rigward ta' din l-akkuza, jew sussidjarjament, f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ghas-sejbien tal-htija tal-appellant, joghgobha tirriforma l-istess sentenza appellata fir-rigward tal-kap tal-piena billi tirriduci l-multa ta' LM250 inflitta fuq l-appellant ghal wahda inqas severa, u f'kull kaz takkorda lill-appellant perjodu ta' zmien ghall-hlas tal-multa a tenur tal-artikolu 14 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'dak it-terminu skond il-pagamenti rateali li din il-Qorti jidhrilha li jkunu xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti u cioe' li l-Prosekuzzjoni ma rmexxilix tipprova l-kaz kontra

tieghu lill-hinn minn kull dubju ragjonevoli w sahansitra wiehed mill-kwerelanti jiskolpa lill-appellant mill-htija fix-xiehda tieghu w jghid li kien Ronnie Gauci li wettaq ir-reat w x-xhieda tal-kwerelanti l-ohra kienet nieqsa minn kull dettall. It-tieni aggravju hu li hadd mill-kwerelanti ma semma d-data meta twettaq l-allegat reat. It-tielet aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova w cioe' ix-xiehda okulari ta' min suppost ra l-akkadut. Ir-raba aggravju huwa li lanqas ma jirrizultaw l-elementi kostituttivi tar-reat li trid il-ligi fil-kaz tar-ragion fattasi, almenu kumulattivament. Il-hames aggravju jirrigwarda l-piena konsistenti f'multa ta' LM250 li hija wahda eccessiva u, jekk stess din il-piena ghandha tigi konfermata, l-appellant, bla pregudizzju, talab li tkun tista' tithallas permezz ta' pagamenti rateali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xiehda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jemergu biss ir-rizultanzi segwenti.

**WPS 171 LILIANA MIFSUD** xehdet li taf li kien sar rapport fl-ufficcju tal-ghassa imma hi ma kellha x' taqsam xejn ghax ir-rapport kien hadu PS 630 Carmelo Micallef. Taf pero' li meta hi kienet duty, kienu marru t-tlitt kwerelanti l-ghassa biex jiccekkjaw jekk kienx dahal ir-rapport u hi qaltilhom li kien dahal. Taf li cemplet u kellmet lill-mara tal-appellant, RoseGauci. Il-kwerelanti kienu qalu li l-appellant kien kissrilhom l-armar tal-gallarija.

**ROBERT MICALLEF** xehed li hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta' JRD Propertry Developments Ltd. u f'it-12 ta' Lulju, 2006, kienu qed jibnu gallarija fil-Bahrija. Kien mar

is-sid tal-proprjeta’ tal-faccata, l-appellant, u kien qalilhom li l-armar tal-gallarija kien fuq proprjeta’ tieghu. Qalilhom ukoll li jekk ma jnehhuhx, kien ser iwaqqaghhuhom. L-ghada, 13 ta’ Lulju, 2006, filghodu , meta marru fuq il-post, ghax-xoghol, sabu l-armar tal-gallarija imwaqqa’ u marru jaghmlu rapport. Wara it-triq kienet infethet u l-gallariji saru.

In kontro-ezami x-xhud qal li Domenic Borg siehbu kien qallu li kien irceva telefonata li qaltlu li l-gallariji kienu gew imwaqqghin. L-ghassa kienu kellmu pulizija mara mhux ragel. Ronnie Gauci joqghod faccata tas-sit u mhux l-appellant.

**GANNI BONAVIA** xehed li l-kumpanija JRD kienet taghhom u hu direttur taghha. Kienu remaw gallarija u fit-13 ta’ Lulju, 2006, kien cempillu Domenic Borg u infurmah li l-gallarija kienet twaqqghet u kienu sabu l-armar tal-gallarija mall-art. Lilu l-appellant ma kienx kellmu dwar gallariji. Fit-13 ta’ Lulju, 2006, meta kienu marru l-ghassa, kienu kellmu Surgent mara u din cemplet lill-mara tal-appellant.

**DOMENIC BORG** xehed li meta armaw il-gallarija kien mar l-appellant u qalilhom li dak l-armar kien go hwejjgu. Qalilhom “Jekk ma zzarmawhiex, naqlaghhilkom.” Fit-13 ta’ Lulju, 2006, wara li kienu cemplulu bil-lejl, kien mar fuq is-sit u sab l-armar tal-gallarija fl-art.

WPC 220 JEANETTE GRIXTI xehdet li kienet sabet rapport li kien dahal l-ghassa mal-lejl fuq il-computer. Il-kwerelanti kienu marru l-ghassa u staqsew ghas-surgent li sa dak il-hin kien spicca mid-duty hu hi qaltilhom ikellmu lis-Surgent mara li kien hemm dak il-hin.

ADRIAN BORG xehed li darba minnhom kien mar l-appellant u beda jghid li t-triq tieghu w li jekk ma kienux ser izarmaw l-armar, ser ikollhom it-trouble. Kien qal li ser iwaqqaghhomlna. Wara xi granet sabu kollox fl-art. Meta kienu marru fuq il-post, l-appellant kien dahhal car quddiem id-drive taht il-gallariji w ma setghux ikomplu.

Mbaghad, wara xi ftit, nehhiha. Il-car kienet issuqha l-mara tal-appellant mhux hu. L-appellant ma joqghodx hemm imma hemm joqghodu Ronnie Gauci u t-tifla tieghu. Ronnie Gauci qatt ma kien kellimhom fuq il-gallariji.

MANWEL MUSCAT xehed li hu bennej u jaf li kellhom gallarija u waqqghulhom l-armar taghha. L-appellant kien qal li jekk mhux ser izarmawha, kien ser jaqlibhielhom. Wara ftit kien beda jaghmel car Renault hadra taht fejn ried jigi l-armar. Dil-car kienet tal-mara tieghu, pero' hu ma kienx ra min pogga l-car hemm. L-armar kienu ghamluh il-gimgha w sabuh imwaqqa' il-hamis filghodu. Kienu cemplu lis-sid bil-lejl u qalulu li l-gallarija waqghet.. It-tlieta hu kien sema lill-appellant jghid lis-sid Domenic Borg biex izarmaw l-armar minn hemm. Faccata tas-sit joqghod Ronnie Gauci. Kien hemm hs ara fl-injam. Wara xi granet sabu kollox fl-art.

CHRIS DARMANIN , rapprezentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport xehed li l-car numru ABD 365 Renault 5, hadra, mit-18 t' Ottubru, 1994 sal-prezent kienet registrata f' isem Rosina Gauci, li toqghod 24, Triq l-Gherixem, Rabat.

Mill-affidavit tas-SURGENT P.S. 630 CARMEL MICALLEF, esebit fil-process (fol. 2), jirrizulta li kemm l-appellant kif ukoll il-ko-akkuzat Ronnie Gauci, ibnu, kienu cahdu l-akkuzi li kienu saru fil-konfront taghhom.

L-APPELLANT ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma xehedx ukoll quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi fuq riprodotti ma hemmx prova diretta wahda ta' xi xhud okulari li fil-fatt kien ra lill-appellant ikisser jew iwaqqa' l-armar tal-gallarija li kienu remaw il-kwerelanti jew li hu kien komplici f' dan it-twaqqiegh. Il-persuna li kienet allegatament cemplet lil Domenic Borg biex tghidlu li kienu waqqghulu l-gallarija ma gietx prodotta bhala xhud biex tghid x' rat attwalment u ghalhekk dak kollu li setghet

qalet hu “hearsay evidence” li mhux ammissibbli bhala prova.

Illi hu minnu li hemm indizji qawwija li jwaqqghu suspett mill-aktar qawwi fuq l-appellant u dan in vista tal-atteggjament li hu kien ha fir-rigward ta’ din il-gallarija li kien qed jippretendi li kienet intremat fuq art tieghu,kif ukoll in vista tal-fatt li kien addirittura mminaccja li jekk ma kienux ser izarmawha, kien ser iwaqqaggha hu, pero’ hadd ma gie jixhed li kien rah iwaqqaggha. Lanqas ma gie pruvat li ta xi struzzjonijiet lil xi hadd iehor – kompriz lill-ko-akkuzat – biex iwaqqa’ l-istess gallarija. Is-suspett, qawwi kemm hu qawwi, jibqa’ dejjem suspett u ma jistax iwassal ghall-sejbien ta’ htija.

Illi mbaghad din il-Qorti ma tistax ma tosservax li s-sentenza appellata fiha kontradizzjoni insita. Dan ghaliex fil-waqt li l-appellant gie liberat mit-tieni imputazzjoni ta’ danni volontarji fuq il-proprjeta’ tal-kwerelanti, liema danni ovvjament saru meta twaqqa’ l-istess armar tal-gallariji, fl-istess nifs instab hati tal-istess twaqqiegh. Jekk ma kienx hemm provi li jwasslu ghas-sejbien ta’ htija fuq it-tieni imputazzjoni li allegatament giet kommessa “unicu contextu” mat-twaqqiegh tal-armar tal-gallariji li fuqu qed jigi bazat l-element materjali tar-reat ta’ ragjon fattasi, ma setax l-appellant jinstab hati tal-istess fatt li ukoll jaghti lok ghall-imputazzjoni ohra.

Il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti hija ukoll ftit li xejn komprensibbli. L-Ewwel Qorti tibda biex tghid li “Ghalkemm ma tirrizulta ebda prova diretta kontra l-imputati, jirrizultaw diversi indizji kontra l-imputat Grazio Gauci.” Fost dawn issemmi li “Mart Grazio Gauci ammettiet li zewgha nehha l-armar”.Pero’ mart l-appellant la ngabet tixhed u lanqas setghet tingieb tixhed biex tikkonferma dan. Ghalhekk qalet x’ qalet lil xi Pulizija li setghu kellmuha, din ukoll mhux prova ammissibbli skond il-ligi, ghaliex ukoll tibqa’ “hearsay evidence”, apparti li l-mara ma tistax tixhed kontra r-ragel, hlief f’certi kazijiet.

Umbaghad l-Ewwel Qorti tkompli tghid testwalment :-

“Ghalhekk, ghalkemm ma jirrizultax li tnehhija ta’ l-armar sar effettivament u fizikament minn Grazio Gauci, jirrizulta sew li kien huwa dak li dderiga l-operazzjoni.”

Imma dan quddiem din il-Qorti, li reghet semghet il-provi kollha mill-gdid, ma rrizulta minn imkien.

Ghalhekk jidher li l-ewwel aggravju tal-appellant hu altru milli ben fondat u qed jigi akkolt. Konsegwentement din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinvesti l-aggravji l-ohra.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant minn kull htija dwar it-tieni w t-tielet imputazzjoni (u fejn illiberat lill-ko-akkuzat Ronnie Gauci, li dwaru ma hemmx appell) tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu multa ta’ LM250 u minnflok tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni w l-piena relattiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------